**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-7 ta' Marzu 2024**

**Rik.Gur. Nru.: 59/2022 JPG**
**Kawza Nru : 27**

**OG**
**Vs**
**U b'digriet tat-28 ta' Lulju 2022 gew nominati Dr Martin Matthew Farrugia u PL Jean Pierre Busuttil bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi ta' BD, qua eredi tal-mejjet CB u Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attur datat 29 Novembru 2022 a fol 52 tal-atti fejn talab lil din il-Qorti sabiex ai termini tal-artiklu 961, tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tawtorizza il-kjamata in kawza ta' ommu SG;

Rat ir-rikors guramentat ta' OG datat 14 ta' Marzu 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*1. **Illi** l-esponent OG twieled fis-7 ta' Settembru, 2001, minn relazzjoni intima li CB kellu ma' SG, u dan skont ic-Certifikat ta' Twelid hawn anness u mmarkat bħala **Dokument A**.*

*2. **Illi,** fl-imsemmi Certifikat ta' Twelid, filwaqt illi SG giet indikata bhala omm l-esponent, missier l-esponent OG ġie reġistrat bħala unknown father stante illi CB qatt ma resaq sabiex jirrikonoxxi lill-esponent OG bhala l-missier naturali tieghu.*

*3. **Illi,** nonostante tali dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid, l-esponent isostni illi huwa l-iben naturali ta' CB, kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża.*

*4. **Illi** l-imsemmi CB illum huwa defunt, stante illi huwa miet f'inċident tat-traffiku fl-10 ta' Jannar, 2014, kopja tac-Certifikat tal-Mewt hawn anness u mmarkat bhala **Dokument B**.*

*5. **Illi** CB miet intestat u dan kif jirriżulta mir-riċerki testamentarji hawn annessi u mmarkati bhala **Dokument C**.*

*6. **Illi** l-istess CB kien mizzewweg lil BD sa mill-25 ta' Gunju, 2002, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala **Dokument D**.*

*7. **Illi,** ghaldaqstant, stante illi CB miet intestat u minghajr dixxendenti rikonoxxuti, prezentement l-armla tieghu BD, hija l-eredi universali tieghu, liema BD tinsab assenti minn Malta.*

*8. **Illi** r-rikorrent ghandu nteress illi tigi dikjarata l-paternita` reali tieghu.*

*9. **Illi** l-paternita tar-rikorrenti tista' tigi stabbilita permezz ta' testijiet genetici apposta.*

***Għaldaqstant**, in vista tal-premess, ir-rikorrent jitlob, bir-rispett, lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. ***Tiddikjara** illi, ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi, illi l-mejjet CB huwa l-missier naturali tar-rikorrent OG.*

2. ***Tiddikjara** li, fic-Certifikat tat-Twelid, hemm erronjament imniżżel li l-missier huwa 'unknown father' u illi ghandu jigi kkoregut u nserit l-isem tal-missier naturali tal-esponent, CB.*

3. ***Tordna** lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel dawk il-korrezzjonijiet meħtieġa fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent OG billi:*

(i) *Fil-kolonna fejn hemm indikat l-isem jew l-ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, tikkancella l-kunjom 'G' u tbiddlu bil-kunjom 'G B', sabiex id-dettalji f'din il-kolonna jigu jaqraw kif imiss: 'OG Brincat'.*

(ii) *Fil-kolonna fejn ghandu jigi indikat isem u kunjom missier OG, tikkancella l-kliem 'unknown father', u tbiddlu bl-isem CB.*

(iii) *Fil-kolonna fejn hemm imnizzel id-dokument tal-identita` ta' missier OG, titnizzel X Maltese ID Card Number'.*

(iv) *Fil-kolonna fejn ghandu jigi indikat eta` ta' missier OG, jitnizzel '19'.*

(v) *Fil-kolonna fejn hemm indikat il-post tat-twelid ta' missier OG, jitnizzel 'Pieta` Malta'.*

(vi) *Fil-kolonna fejn hemm indikat il-post ta' residenza ta' missier OG, jitnizzel 'F, Malta'.*

(vii) *Fil-kolonna fejn hemm imnizzel isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet (missier il-missier tat-tarbija), jitnizzel 'JB (haj)'.*

4. *Tawtorizza u tordna wkoll kull modifika ohra in vista tat-talbiet odjerni, u jekk ikun opportun, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tad-Direttur Registru Pubbliku datata 26 ta' Awwissu 2022, a fol 37 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament, l-esponent huwa tal-umli fehma illi la darba l-proċeduri odjerni jikkonċernaw il-paternità tar-rikorrent, jkun xieraq u opportun illi ommu SG tiġi msejħa f'dawn il-proċeduri sabiex hija wkoll twieġeb għat-talbiet tar-rikorrent;*

2. *Illi fil-mertu, u b'referenza partikolari għall-paternità in kwistjoni tar-rikorrent OG, l-esponent mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati mir-rikorrent fir-rikors ġuramentat u għaldaqstant qiegħed jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

3. *Illi stante s-suespost, f'dan l-istadju l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkonċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan sabiex jiġi vverifikat jekk il-mejjet, CB, huwiex verament il-missier naturali ta' OG;*

4. *Illi fiċ-ċirkostanzi, fir-rigward tal-ewwel tliet talbiet attriċi, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, kemm-il darba l-Qorti tkun sodisfatta illi CB huwa tassew il-missier naturali ta' OG;*

5. *Illi fir-rigward tar-raba' talba attriċi, fejn l-attur qiegħed jitlob illi kull modifika fl-att tat-twelid tiegħu tiġi riflessa f'atti oħrajn relattivi u sussegwenti, l-esponent jirrileva illi sabiex dan ikun possibbli, l-attur għandu jispeċifika liema huma l-atti ta' stat ċivili l-oħrajn, jekk hemm,*

*bin-numru progressiv u s-sena ta' kull wieħed. Għal kull buon fini qed jingħad ukoll illi f'każijiet ta' reġistrazzjonijiet ta' atti ta' stat ċivili esteri li jiġu rreġistrati ai termini tal-Arikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent sempliċement jirreplika l-partikolaritajiet li jkunu indikati fuq l-atti esteri ad verbatim u għalhekk ma jkunx possibbli li jsiru modifiki kemm-il darba ma jkunx immodifikat ukoll l-att esteru relattiv;*

6. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva wkoll illi għandu jiġi deċiż b'mod definittiv jekk il-kunjom fl-att tat-twelid tar-rikorrent OG għandux jinbidel għal 'G B' kif rikjest minnu;*

7. *Illi finalment, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tiegħu u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati datata 14 ta' Settembru 2022, a fol 42 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi huma, fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil BD, qua eredi tal-mejjet CB, m'humiex prezentement edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghaldaqstant, jirriservaw illi jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem.*

2. *Illi inoltre, minhabba il-fatt illi l-attur noe naqas milli jaghti dettalji xierqa dwar BD ossia indikazzjoni tal-indirizz kurrenti taghha, mhuwiex possibbli li l-esponenti jikkuntattjaw lil din il-persuna illi fil-konfront taghha hemm din il-vertenza sabiex jgharrfuha b'dawn il-proceduri.*

3. *Illi maghdud ma dan u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici, hekk kif inhuma dedotti fir-rikors promotur, ma jistghux jintlaqghu ghaliex huma intempestivi. Dan ghaliex ma jistghux isiru d-dikjarazzjonijiet u l-ordnijiet mitluba mill-attur fir-rikors promotur tieghu qabel ma l-ewwel jigi determinat il-genitur li ma wiledx.*

4. *Illi maghdud ma dan, u wkoll bla pregudizzju ghall-premess, il-procedura odjerna mhijiex integra stante illi l-genitur li wildet, cioe SG, mhijiex parti fil-procedura, minkejja li din naturalment ghandha interess guridiku li tkun fiha.*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat in-Nota tal-Kuraturi Deputati datata 1 ta' Frar 2024, li permezz taghha ddikjaraw li ma kellhomx provi ulterjuri jew trattazzjoni x'jaghmlu;

Rat illi fl-udjenza Dr Ellul ghad-Direttur tar-Registru Pubbliku iddikjara illi n-nota a fol 91 tal-atti hja ezawrjenti u ma jirrikjediex informazzjoni ulterjuri ghall-korrezzjonijiet fic-certifikat tat-twelid. Rat illi Dr Ellul iddikjara illi ma fadallux aktar provi;

Rat illi Dr Martin Farrugia permezz ta' nota datata 1 ta' Frar 2024, iddikjara illi m'ghandux provi x'jipproduci jew trattazzjoni x'jaghmel;

Semghat ix-xhieda;

Rat id-dokumentazzjoni kollha;

**Ikkonsidrat:**

***L-attur xehed permezz ta' affidavit (vide a fol 59 et seq)*** u spjega illi hu twieled fis- 7 ta' Settembru tas-sena 2001 minn relazzjoni li CB ormai defunt kellu ma' ommu SG. L-attur xehed illi hu jaf b'dan kollu ghaliex fis-sena 2013, kien ircieva messagg minghand CB li kien qallu li kien missieru u li ried jiltaqa' mieghu. Meta hu kien ircieva

dan il-messagg hu mar ikellem lil ommu u ommu kienet ikkonfermat illi CB huwa tassew missieru. Illi sussegwentement hu kien ghamel xi zmien jiltqa' mieghu u kien anke iltaqa' mal-familja ta' missieru li kienu diga' jafu bih u ghadu jkellimhom sal gurnata tal-lum u jqisuh bhala n-neputi taghhom.

Wara biss tlieta (3) jew erba' (4) xhur mill-ewwel darba li iltaqa' ma' missieru, missieru miet habta u sabta. Dak iz-zmien missieru kien mizzewweg lil certu BD, izda l-attur qatt ma iltaqgha maghha, u lanqas ma kienu iltaqghu maghha l-familjari ta' missieru u dak li kienu qalulu kien biss li missieru kien izzewwigha biex jgibha tghix mieghu Malta. Illi sal-lum huwa ma jafx fejn tinstab u m'ghandu l-ebda kuntatt maghha.

Wara l-mewt ta' missieru, kienu cempilu JB u cioe n-nannu patern tieghu, u hu kien qallu li kien messu jibda proceduri biex CB jigi rikonoxxut skont il-ligi bhala l-missier naturali tal-attur. L-attur jiddikjara illi huwa jixtieq li jzid il-kunjom ta' missieru mal-kunjom t'ommu u b'hekk jigi msejjah 'G B.'

***Marilyn Brincat, oht CB, prodotta mill-attur nhar id-19 ta April 2023 (vide a fol 78 et seq)*** spjegat illi l-attur huwa t-tifel ta' huha, CB, u li huha dejjem semma li l-attur huwa ibnu. Xehdet illi CB kien infurmaha meta omm l-attur kienet harget tqila bl-attur, u CB kien qalilha li ser tkun zija u kien anke hadha tarah tarbija. L-attur dejjem kien f'hajjet huha, u semmieh O ghal *football player* tal-Belt. Illi meta l-genituri tal-attur ma kienux baqghu flimkien kien inqala hafna dizgwid, izda lejn l-ahhar, CB kien rega' dahal fil-hajja tal-attur izda imbaghad sehh l-incident fatali tat-traffiku. Tishaq illi fil-grizma tal-attur, huha kien verament kuntent li ser ikun parti minn din il-gurnata.

***L-attur xehed viva voce nhar id-19 ta' April 2023 (vide fol 80 et seq)*** u spjega illi madwar hames xhur qabel l-incident ta' missieru, missieru kien baghtlu u urieh li huwa missieru u kienu iltaqghu. Illi kien wara l-mewt ta' missieru li huwa beda jsir jaf aktar lil zijtu u l-familjari ta' missieru. Jikkonferma illi missieru kien prezenti fil-grizma tieghu. Spjega illi fix-xhur ta' qabel l-incident, missieru kien ikun ta' spiss ghandhom id-dar ghaliex kien hbieb mal-partner ta' ommu ukoll u b'hekk kienu qattghu hafna hin flimkien.

***SG, omm l-attur xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 84 et seq)*** u spjegat illi hi saret taf lil CB meta kellha madwar hmistax(15) – il sena pero' huma qatt ma kienu f'relazzjoni serja, pero f'dak il-qasir zmien li kienu flimkien, kienet harget tqila bl-attur. Ir-relazzjoni taghha ma' CB ntemmet minnufih u CB qatt ma ha interess fiz-zmien tat-tqala. Meta twieled l-attur pero' CB mar jarah l-isptar u t-tnejn qablu li jsemmuh O peress li t-tnejn kienu *supporters* tal-*football* tat-*team* tal-Belt illi pero CB qatt ma rregistra lilu nnifsu bhala missier l-attur. Kien mar ukoll jarah darbtejn id-dar ghand il-genituri taghha. Illi pero' wara dawn id-darbtejn gheb ghal kollox mill-hajja taghhom. Illi ghalkemm meta kienu jiltaqghu b'kumbinazzjoni kien jaghti xi rigal zghir lil binha milli jkollu fuqu, qatt ma bena relazzjoni ma' ibnu, pero' kien attenda ghall-Grizma.

Meta beda jikber l-attur u kellu madwar tnax (12) – il sena binha kien qalilha li kien ircieva messagg fuq facebook minn ghand CB, fejn kien spjegalu illi hu kien missieru u li xtaq jiltaqa' mieghu. Hi kienet ammettiet mal-attur illi CB huwa filfatt missieru u li jekk hu xtaq jiltaqa' mieghu hi ma kellha l-ebda oggezzjoni. Illi minn dakinhar l'hemm binha u CB bdew jiltaqghu regolarment, sakemm CB miet tragikament.

***Marilyn Brincat, oht CB, xehdet ukoll permezz ta' affidavit (vide fol 86 et seq)*** u filwaqt li kkonfermat dak li xehdet *viva voce*, ziedet illi huha dejjem xtaq li jkollu relazzjoni izjed profonda ma' ibnu u minkejja li xtaq jaghtih izjed dan ma kienx possibbli minhabba l-qaghda finanzjarja li sab ruhu fiha sforz in-nuqqas ta' impjieg tieghu. Ziedet illi hi u CB ahwa mill-istess missier, izda ghandhom ommijiet differenti. Cive kellu tfulija mharbta peress li anke ghamel xi zmien jitrabba f'Istitut. S qatt ma cahdet lil binha minn nanna M cioe omm CB, u filfatt S ghadha zzurha sal-lum minkejja li CB gie nieqes. Tishaq illi meta r-relazzjoni ta' bejn S u huha intemmet, kienu dahlu l-*partners* fin-nofs, u ghalhekk CB qatt ma seta' jkun prezenti fil-hajja ta' ibnu. Pero' meta regghu bdew jiltaqghu, CB u S kienu regghu saru hbieb izda sfortuntament kollox kellu jintemm hesrem mal-mewt tragiku ta' CB.

***Dr Marisa Cassar xehdet nhar l-20 ta' Novembru 2023 (vide fol 121 et seq)*** u kkonfermat illi sar id-DNA test fejn ittiehed kampjun minghand l-attur u kampjun minghand JB li jigi l-allegat nannu patern tal-attur. Illi l-ezitu kien 99.92%.

**Ikkonsidrat:**

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attur qieghed jitlob illi d-defunt CB li gie nieqes nhar l-10 ta' Jannar 2014 kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt *a fol 7* tal-atti, jigi maghruf u ddikjarat bhala l-missier naturali tal-attur OG li twieled nhar is- 7 ta' Settembru 2001 kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid *a fol 6* u li sal-llum il-gurnata huwa registrat bhala wild missier mhux maghruf.

Din il-kawza hija ghalhekk ibbazata fuq l-artikolu 86A tal- Kodici Civili, li jipprovdi:

> ***86A.(1) Il-ġenitur li wiled iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-ġenitur li ma wiledx, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex jigi stabbilit il-ġenitur li ma wiledx u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni tal-ġenitur li ma wiledx fl-atti tal-istat ċivili relattivi.***
>
> ***(2) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (1) tista' wkoll titmexxa mill-werrieta jew mid-dixxendenti tat-tifel jekk ikunu jeżistu l-istess ċirkostanzi bħal dawk imsemmija fl-artikolu 85.***

Il-Qorti taghraf illi f'kazijiet bhal dawn il-prova regina huwa l-ezami xjentifiku tad-DNA. Kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"...f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut…fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri..."[1]***

Illi din il-Qorti kif diversament preseduta tenniet illi permezz tal-azzjoni kontemplata fl-artikolu 86A il-legislatur:

[1] A B vs C D et, Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (Rik. Gru. Nru. 79/16) 25 April 2018.

> ***Allokkalha [lill-omm] disposizzjoni specjali ghaliha u tinstab fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 86A. Jekk il-missier fl-ebda mument ma jressaq talba kemm b'ittra ufficjali jew b'kawza, il-ligi taghti dritt lill-omm sabiex tiftah proceduri minn jeddha sabiex titlob li l-istess ragel jigi ddikjarat bhala l-missier naturali u biologiku tal-minuri, minghajr il-htiega li tibghatlu ittra ufficjali biex titolbu r-rikonoxximent.***[2]

Illi minn qari ta' din id-dispozizjoni, jidher illi bl-uzu tal-kongunzjoni "u" u l-uzu tal-kongunzjoni "and" fit-test Ingliz, l-intenzjoni tal-legislatur kienet illi l-atturi f'proceduri gudizzjarji ai termini tal-artikolu 86A ikunu kemm *"il-ġenitur li wiled iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-ġenitur li ma wiledx,* **u** *dak l-istess tifel."* Illi fil-proceduri odjerni, il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku qieghed jitlob il-kjamata in kawza tal-omm "sabiex hija wkoll twieġeb għat-talbiet tar-rikorrenti" u cioe bhala konvenuta u mhux bhala attrici kif jidher illi kienet l-intenzjoni tal-legislatur mid-dicitura tal-artikolu 86A.

Illi din il-Qorti rat illi sakemm tali proceduri huma intavolati minn omm fejn il-wild jew ulied ghadhom minorenni, hija l-prattika illi l-omm titlob li tinhatar *kuratrici ad litem* ghall-istess minuri u s'hemmhekk dak stipulat fl-artikolu 86A ikun inghata effett. Illi hekk gara fis-sentenza fl-ismijiet ***AB vs CD et*** deciza minn din il-Qorti kif diversament preseduta nhar it-23 ta' Marzu 2017, fejn bi qbil bejn il-partijiet, l-attrici permezz ta' digriet datat 4 ta' Novembru 2015, inhatret kuratrici *ad litem* tal-minuri.

Illi din il-Qorti rat ukoll illi f'kawzi fejn tali talba ma saritx, giet eccepita eccezzjoni simili mill-konvenuti u cioe li l-minuri ghandhom jigu kjamati in kawza. Illi in segwitu, tali eccezzjoni giet sorvolata billi jinhatru kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-imsemmija minuri tul il-mori tal-proceduri. Illi *per via d'esempio*, ***f'AB vs D et*** deciza minn din il-Qorti kif diversament preseduta nhar it- 2 ta' Lulju 2015, id-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa illi: "*huwa indispensabbli ghall-integrita tal-gudizzju li jigi msejjah fil-kawza l-minuri E B ai termini tal-Artikolu 86A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta…"* Illi mill-korp tas-sentenza jidher illi tali eccezzjoni giet sorvolata in forza

---

[2] Rikors nru: 197/2019 AGV: AB f' isem u in rapprezentanza ta' binha minuri CB Vs DE u Direttur Registru Pubbliku deciza nhar it-30 ta' Gunju 2020.

ta' digriet datat 5 ta' Settembru 2013 li permezz tieghu kjamat in kawza lill-minuri E B u n-nomina ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-istess minuri.

Illi pero' din il-Qorti rat ukoll illi f'kawzi identici ghal dik odjerna fejn l-attur huwa essenzjalment il-wild li *ormai* huwa maggiorenni, din il-Qorti rat illi tali eccezzjoni mhux dejjem giet eccepita mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, ghalkemm kien hemm istanzi fejn giet eccepita mill-konvenuti l-ohra fil-proceduri.

Illi tali eccezzjonijiet gew sorvolati permezz ta' digriet fejn giet ordnata l-kjamata in kawza tal-omm, u dana stante qbil bejn il-partijiet illi l-omm ghandha tigi kjamata in kawza. Illi in *subjecta materia* fil-kawza fl-ismijiet ***A B C vs D E; Direttur tar-Registru Pubbliku u permezz ta' digriet datat 24 ta' Settembru 2013 A G giet kjamata fil-kawza*** deciza nhar it- 2 ta' Lulju 2015 minn din il-Qorti diversament preseduta, il-konvenut DE eccepixxa illi: *"Illi preliminarjament il-gudizzju mhuwiex integru peress li omm l-attrici mhijiex parti fil-kawza. Il-ligi tesigi illi omm il-wild imwieled barra miz-zwieg tkun parti f'kawza biex tigi stabbilita il-paternita".* Illi mis-sentenza jidher illi l-Qorti kif preseduta fl-imsemmija kawza, sorvolat tali eccezzjoni permezz tad-digriet tal-24 ta' Settembru 2013 li permezz tieghu kjamat in kawza lil A G, omm l-attrici.

Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi minkejja li hemm qbil bejn il-partijiet fil-proceduri odjerni li omm ir-rikorrenti tigi kjamata in kawza, gialadarba l-attur ormai huwa maggiorenni, l-attur ghandu locus standi, filwaqt li l-omm m'ghandha l-ebda interess guridiku. Illi se mai din il-Qorti tirrileva illi l-omm ghandha tigi prodotta bhala xhud kif fil-fatt giet prodotta u tat it-testimonjanza taghha. Jidher car illi omm l-attur ma kellha ebda oggezzjoni ghat-talbiet tal-attur u il-kjamata in kawza taghha kienet isservi biss biex tawmenta l-ispejjez legali. Di piu' fl-eventwalita' li jehtieg li jsir xi tibdil fic-certifikat tat-twelid, dan ha jsir fic-certifikat tat-twelid tal-attur biss.

Illi ghalhekk din il-Qorti tichad l-eccezzjoni eccepieta mid-Direttur tal-Registru Pubbliku.

Fil-proceduri odjerni, stante li CB gie nieqes qabel ma gew intavolati l-proceduri odjerni, il-kampjuni genetici ttiehdu mill-attur, u minghand JB, missier id-defunt CB u ghalhekk l-allegat nannu patern tal-attur. Illi kif rilevat minn Dr Marisa Cassar fl-

affidavit u r-rapport taghha *a fol 107* tal-atti u kif kkonfermat hija stess *viva voce* quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar l-20 ta' Novembru 2023, mit-testijiet genetici jirrizulta illi d-defunt CB huwa effettivament missier l-attur.

Maghdud ma tali osservazzjonijiet, din il-Qorti rat ukoll illi kemm omm l-attur SG u kif ukoll oht id-defunt CB, Marilyn Brincat, iddikjaraw u kkonfermaw illi huma jafu illi l-attur huwa iben id-defunt CB, u filwaqt li l-attur u missieru CB kienu regghu restawraw ir-rapport ta' iben u missier, l-imsemmi CB gie nieqes tragikament ftit xhur wara li kien rega' avvicina lill-ibnu l-attur.

Illi ghalhekk wara li din il-Qorti kkonsidrat ir-rizultanzi mit-testijiet genetici, ix-xhieda tal-attur u dik ta' omm l-attur, u zijtu Marilyn Brincat li tigi oht id-defunt CB, jirrizulta ppruvat sodisfacentement illi d-defunt CB huwa effettivament il-missier naturali tal-attur.

Fir-rigward il-kwistjoni tal-kunjom, din il-Qorti rat illi l-attur innifsu jixtieq illi jkun maghruf bil-kunjom "G B." u ghalhekk il-Qorti tordna illi l-attur ghandu jkun maghruf bil-kunjom "G B".

Ghar-rigward il-kap tal-ispejjes, ikkonsidrat illi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

> ***"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.***
>
> ***(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."***

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb*** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Settembru 2004 fejn dwar dan l-artikolu gie spjegat illi:

> ***"Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173);***
>
> ***Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'dana kollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidhirx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel lispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi lkaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu lebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda semplicimentformali. Hekk insibu illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik id-dikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l-ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur."***

Il-Qorti tosserva illi l-attur intavola l-proceduri odjerni wara ftit li sar maggiorenni u cioe meta kellu wiehed u ghoxrin (21) sena. Kif xehed l-attur stess huwa sar jaf bl-ezistenza u bl-identita ta' missieru meta kellu biss tnax (12) – il sena.

Il-Qorti rat pero' illi l-intimata BD ma kellha ebda involvement fit-talbiet fuq indikati albeit jista' jkollha konsegwenzi fuq id-drittijiet ta' eredita'. Illi di piu' l-azzjoni tal-attur mhijiex attribbwibli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' ghemil tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li certament ma ghandux jigi addossat bl-ispejjez tal-kawza.

**Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-attur kif gej:**

1. **Tiddikjara illi d-defunt CB huwa l-missier bijoloġiku tal-attur OG imwieled fis-7 ta' Settembru tas-sena 2001 lil SG;**

2. **Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiċ-ċertifikati tat-twelid tal-attur OG innumerat 3569/2001 fid-dettalji ta' missier it-tarbija, huwa jħassar il-kliem "missier mhux magħruf" u minflok iniżżel id-dettalji tad-defunt CB, detentur tal-karta tal-Identita` Maltija bin-numru 0022882 M, imwieled il-Pieta' u iben JB li kien haj fil-mument tat-twelid tal-minuri, u li d-defunt CB, meta twieled l-attur, kellu dsatax (19) – il sena, u kien residenti F;**

3. **Tordna, illi l-attur ikun magħruf bil-kunjom "G B";**

**L-ispejjes, inkluzi dawk tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, u tat-testijiet genetici ghandhom jigu sopportati unikament mill-attur.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**